MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru. 978/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**

**Vs**

**Lawrence Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Lawrence Spiteri, iben Charles u Pauline nee` Hili, residenti f'Blokk 2, Flt 1, Triq il-Merkanti, Valletta u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 44281 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fit-12 ta` Settembru, 2002 u f`dati precedenti f`ta` l-Ibragg u bnadi ohra f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, izda li jiksr l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

Ghamel falsifikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta` bank privat, b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamel uzu minn tali skritturi u cioe` numru ta` cheqes tal-Bank of Valletta. Dan bi ksur ta` l-artikli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-istes cirkustanzi, iffalsifika cedula jew dokumenti ohra, illi meta jigi prezentat wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew jigbor depozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi ksur ta` l-artikoli 18 u 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-istess cirkustanzi, iffalsifika ceduli jew dokumenti ohra, illi meta jigi prezentat wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew jigbor depozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi ksur ta` l-artikli 18 u 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-istess cirkustanzi, b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` Lm 4146 bi hsara ta` haddiehor. U dan bi ksur ta` l-artikli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-istess cirkustanzi ikkommetta serq ta` diversi cekkijiet, ghad-detrimet ta` Jimmy Aquilina, George Farrugia u martu Josephine Farrugia, Keith Pace Jonathan Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-lok. Dan bi

ksur ta` l-artikli 18, 261, 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Semghat il-provi ;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Dicembru 2002 (esebit *a folio* 18 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-29 ta' Jannar 2003 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 8 tal-process) u l-fatt li huwa rrifonda l-ammont kollu dovut lil vittma.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 18, 261, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------